Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TLETIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 11 ta' Ġunju 2014 | | | |
| **HIN** | Minn | 5.30pm | Sa | 7.30pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA - SC |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI- MS |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI - RA |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO - RB |
| | Sur | JOHN P. BONNICI - JPB |
| | Sur | GERALD BORG – GB |
| | Sur | RALPH CASSAR - RC |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE - HMF |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT – AZ |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD – MM |

Is-Sindku Stefan Cordina talab sospensjoni tal-laqgha sabiex jitkellem is-Sur Lionel Cassola rigward l-ammont esagerat ta' terrapien li qed jintefa biswit il-wied. Is-Sur Cassola tenna li suppost hemm resitrizzjonijiet fuq kif ghandu jigi mormi l-iskart ta' progett tal-EU bhalma hu il-progett tal-Flood Relief Project. Is-Sur SC qal li jekk ghandha tintbaghat forma ta' ittra bhala ilment, din ghandhna tintbaghat bl-avukat. RC qabel u ppropona wkoll li tintbaghat kopja lill-istampa. Is-Sur Cassola irringrazzja l-Kunsill u halla l-kamra.
SC din id-darba talab lis-Sur Philip Attard, Jason Grima u Alexander Camilleri sabiex iressqu l-ilmenti taghhom marbutin ma' permessi mahruga hdejn in-Numero Uno u l-MFCC.
Huma rrakkuntaw kif fl-ewwel ta' Mejju huma ramaw posta wahda peress li kienu bl-impressjoni li mhux qed jinhargu permessi ghall uzu tal-art hdejn in-Numero Uno li taqa' taht il-Malta Enterprise. Filfatt gara li ic-Chief of Staff tal-Ministeru tal-Intrapriza uc-Chief of Customer Care hargu permess individwali ghall uzu tal-art lil individwi differenti.
It-Tieni kaz sehh ftit tal-granet wara meta mill-istess Ministeru inhargu l-istess permessi imma lilhom ma nhargilhomx mal-ewwel. Apparti dan, is-Sur Jason Grima sahaq li skond L.N. 119 ta' 2002, persuna li tkun ilha tarma fl-istess posta ghal snin twal, trabbi l-gust u ghandha dritt ghal first preference. Is-Segretarju Ezekuttiv irribattiet dak li ntqal ghax il-Legal Notice tghid car u tond li fil-festi religjuzi, pubblici u mhumiex posta trabbi l-ġust.
Intqal ukoll li ic-Chief of Staff, Mario Azzopardi, kellu jibghat email rigward l-uzu tal-art u din baqghet ma' ntbaghtietx. Is-Sur SC irringrazzja lil membri u qal li issa ser ikomplu jiddiskutu sabiex tinstab soluzzjoni ghal din il-problema. Is-Sinjuri Attard, Grima u Camilleri hallew il-kamra. Is-Sur SC li l-ahjar haga li ghandha ssir hi li tigi addottata is-sistema bhal tal-Parks Department fejn il-parks jidentifikaw l-art u wara l-Kunsill johrog il-permess tal-operat fuq il-pjanta annessa. SC ppropona wkoll li ma kull permess li jinhareg ghandu jkun hemm dawn il-kundizzjonijiet:

a. Permess mahruga jinhargu skond il-pjanta annessa,
b. mhumiex rifondibbli,
c. mhumiex trasferibbli minn persuna ghall-ohra u
d. mhumiex trasferibbli minn attivita' ghall-ohra.

.

1. **APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**
Il-Minuti gew approvati wara li saret korrezzjoni f'punt numru 4 linja 5 fejn iddahhal il-kliem 'ma jridx jirrifondihom'

2. **PUNTI MQAJJMA**
Dan l-item gie maqbuz minhabba li hadd ma kellu punti xi jqajjem.

3. **KORRISSPONDENZA**
🗁 Email ta' ringrazzjament minghand l-assocjazzjoni tal-Multiple Sclerosis ghall attivita' li nzammet fi Gnien il-Palma
🗁 Email minghand Dieter Falzon rigward proposta sabiex jigi olterat l-iskema ta' parkegg fi Triq il-Katlan u Triq l-Insolja, hekk kif mitlub mill-Kunsill. RC qal li ma jahsibx li l-Kunsill ghandu jidhol ghal dan il-progett. Din il-proposta ghalissa thalliet pendenti.
🗁 Email minghand il-MEPA rigward il-fond UIF li jammonta ghal €14,604.99. RC ppropona progett ta' accessibilita' ta' bankini. Ghandha tintbaghat ittra f'dan is-sens.
🗁 Email minghand Pia Farrugia rigward tmiem ta' mpjieg ta' persuni wara l-eta' tal-irtirar li fost il-lista msemmija jissemma is-Sur Philip Caruana. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li tlett snin ilu, fil-kwistjoni tas-Sur Stellini, il-Kunsill kien ha delega minghand id-dipartiment u dan kien gie infurmat li l-Kunsill jiddeciedi jekk izommx fl-impjieg lis-Sur Stellini jew le. Ghaldaqstant, ghandha tintbaghat ittra lid-Dipartiment fejn jigi ikkwotat dan u preferibbilment, tigi annessa kopja tal-istess email.
🗁 Email minghand Joseph Abela rigward cirkulari 08/2014 fejn jissemma l-eskluzjoni tal-Award of Public Contracts lil Gafa Saveways Ltd u Clentech Ltd.
🗁 Email minghand is-Sur Joseph Muscat rigward l-istat ta' bankini u t-telqa in generali ta' Triq il-Mohriet. Rigward il-haxix, dan bhalissa qed jigi midur kif ukoll road markings u parking bays ser jittiehdu in konsiderazzjoni. Fuq l-istat tal-bankini, ghalissa l-Kunsill m'ghandux lista ta' priorita' ta' kif dawn ser isiru
🗁 Ittra minghand JP2 Foundation rigward Memorial Festival 2014 Canonisation Year. Il-Kunsill ser jara x'attivitajiet jista' jaghmel f'dan ir-rigward.

4. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI APRIL/MEJJU**
Il-Pagamenti gew approvati wara li saret mistoqsija mis-Sur Zammit fuq it-trasport tad-dar tal-anzjani u kemm-il darba jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dan ma jsirx fuq bazi regolari u johorgu destinazzjonijiet differenti.

5. **MANAGEMENT LETTER/RISPOSTA TAS-SINDKU**
Ir-risposta tas-Sindku giet approvata wara li sar qbil li ghandha tintbaghat ittra lis-Sinjura Sandra Pace fejn tintalab tirrifondi lura l-ammont ta' €3,839.75.

6. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**
SC qal li l-Kuntratt ta' 3 snin ghal kiri ta' vann issa wasal biex jiskadi u ghaldaqstant qed jissuggerixxi li tohrog call for quotation u li din ghandha taghlaq fil-21 ta' Lulju. Is-Sindku semma wkoll li ghandu jsir kuntatt mal-perit sabiex tigi diskussa il-possibilita' ta' Expression of Interest ghal PPP fi Gnien il-Palma. Id-diskussjonijiet ser ikomplu.

7. **VIZITA TAL-PRESIDENT**
Is-Sur Remigio Bartolo qal li ser issir vizita lill-President il-Gdid nhar il-11 ta' Lulju fil-5.00pm. Ghal din il-vizita il-Kunsill ghandu jmur ippreparat bi brainstorming points u ghandha ssir laqgha fuq dan is-suggett.

**8. GITA GHAL CATANIA**
Is-Sur RB issuggerixxa li ssir gita ghal Catania u li din ghandha tigi pubblicizzata fuq ir-rivista tal-Kunsill. Il-Kunsill ghandu jistenna sal-bidu ta' Lulju u jara l-ammont ta' nies li applikaw ghal din il-gita.

**9. WEBSITE**
Dan l-item gie diskuss hafif minhabba li l-Kunsill precedentament diga' kellu website u hija wisq impennjattiva biex izzommha up to date. Il-Kunsill ha jikkunsidraha iktar 'l quddiem

**10. JUM H'ATTARD**
Jum H'Attard gie pospost ghal Settembru minhabba li hu kkunsidrat wisq vicin id-data.
Issemmew xi nies li ghandhom jigu kkunsidrati ghal Gieh H'Attard kif ukoll issemmew li Unur H'Attard jinghata lil xi Ambaxxatrici jew Arcisqof cioe xi hadd prominenti halli dan il-gieh isir iktar attraenti. Id-diskussjonijiet ikomplu.

Rigward il-Gemellagg kompla jghid RB, issa li ntbaghtet l-e-mail lill-Amministrazzjoni t'Elancourt u dawn accettaw, qed jistenna biex jara x'ha joffru bhalha akkomodazzjoni eccetera biex wiehed jara d-delagazzjoni Maltija f'min ha tikkonsisti. AZ xtaq jikkumenta haga wahda biss li fl-opinjoni tieghu is-Delegazzjoni ghandha tkun rapprezentata anka min-naha taghhom bhalha partit. SC qal li l-Kunsill mhux entita politika imma ovvajment m'ghandux oggezzjoni. MS qal li ma jhossx li ghandhom jinhlew il-fondi hekk u d-Delegazzjoni ghandha tkun komposta mis-Sindku u s-Sur Bartolo. GB qabel mieghu. RB qal li ha jara l-ewwel x'sa joffru u fil-kaz naraw min gej u jekk il-fondi jkopru l-ispejjez tal-ivvjaggar biss nipprovaw nakkomodaw. MS ma qabilx imma d-diskussjoni se tkompli.

Qal ukoll li l-Youth In Action programm ghaddej u z-zghazagh ircevew il-fondi ta' €4160 sabiex jibdew il-progett li se jkun *co-financed* mill-Kunsill.

**11. AFFARIJIET OHRA**

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:
- Talab li jitkabbru il-pots hdejn l-ghajn tal-bhejjem.

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:
- Talab li fi Gnien il-Palma tinhadem il-hamrija bhal bicca l-ohra
- Triq A Caruana Gatto hemm bozza maqtugha
- Talab li ssir tindifa sewwa fi Triq il-Mosta minhabba li ghad hemm hafna hmieg li jingema taht il-karozzi imwahhal mal-art.

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:
- Talab li jkun hemm time frame sat-30 ta' Awwissu sabiex isir ir-rapport mill-perit u l-avukat fuq il-kwistjoni tal-barriera ta' Venven u jinbdew il-proceduri bil-qorti
- Fakkar fuq it-tabelli storici
- Gibed l-attenzjoni li tkissru it-tabelli tal-Librerija Pubblika u Triq Xatbet l-Art
- Talab li jsiru ismijiet ulterjuri ta' Triq il-Pitkali u Triq in-Nutar Zarb

Id-Dottor Messina Ferrante ressaq dawn il-punti:

- Staqsa fuq is-Sleeping Policeman ta' Triq Hannibal. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghandha l-oggezzjonijiet sabiex dan isir u ghalhekk mhux ser isir

Is-Sur John P Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Li fi Triq il-Muskatell hemm art mitluqa u fiha hemm hafna haxix fuq in-naha ta' barra tal-hajt. Talab sabiex dan jitnaddaf mill-Kunsill.

**8. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa spiccat fis-8.00pm u giet aggornata għall-Tnejn 23 ta’ Gunju fl-4.00pm

________________________ ____________________

Sindku Data